**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-25 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Warren Galea)**

**vs.**

**Emilio Aquilina**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 311092M

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Emilio Aquilina**, ta' 31 sena, iben John u Maria xebba Polidano, residenti ġewwa l-fond 34, Triq Karl Chircop, Paola u detentur tal-karta ta' l-identità 311092M

akkużat talli fit-8 ta' Marzu, 2024 għall-ħabta ta' bejn 22:35hrs u 23:00hrs ta' filgħaxija ġewwa Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Baħar u/jew bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PC2081 Owen John Azzopardi f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Francesca Camilleri;

2. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS2418 Analise Teuma u PC2081 Owen John Azzopardi, uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkel jew indaħal lill-imsemmi uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

3. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe lil PS2418 Analise Teuma u PC2081 Owen John Azzopardi fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew t'ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorità kompetenti;

4. Irrifjuta jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe lil PS2418 Analise Teuma u PC2081 Owen John Azzopardi meta dawn talbuhomlu waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

5. Talli saq il-vettura ta' għamla Hyundai bin-numru tar-reġistrazzjoni ACT023 bi traskuraġni, b'mod perikoluż, u bla kont;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur PS2418 Analise Teuma u PC2081 Owen John Azzopardi.

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma' Emilio Aquilina bħala persuna reċidiva, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli 96, 214, 215, 221, 338(g), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u wara li wissietu dwar il-pieni abbinati mal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, semgħet ukoll ix-xiehda tal-Ispettur Warren Galea, PS2418, PC2081 u PC523.

Semgħet ukoll lill-imputat jammetti għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u jikkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti wissietu dwar il-pieni abbinati mal-istess akkużi u tagħtu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu, fejn kkonferma wkoll li kellu biżżejjed żmien sabiex jikkonsidra l-istess ammissjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur u tad-difensur tal-imputat, dwar il-piena, fejn il-partijiet qablu illi piena karċerarja m'hijiex idoneja f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu; u għalhekk dawn jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 96, 214, 215, 221, 338(g), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputat **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u

1. tikkundannah multa ta' erbat'elef ewro (€4,000) fejn il-ħati qiegħed jingħata żmien biex iħallas l-istess multa ta' tmien xhur u cioe l-multa tista' titħallas bir-rata ta' ħames mitt ewro (€500) fix-xahar.

2. Altrimenti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum u dan ai termini tal-Artiklu 22(1) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ai termini tal-Artiklu 22(3) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi kemm ir-responsabbiltà tiegħu wkoll x'jiġri jekk hu jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur